MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2011

Numru 1208/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**Vs**

**JAMES CARABOTT**

**Illum, 20 ta’ Dicembru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JAMES CARABOTT** ta’ hamsin (50) sena, iben Paul u Doris imwielda Mallia, residenti 11, Triq l-Industrija, Qormi u / jew 25A, Spring, Flat 1, Triq Hal Tartarni, Rabat, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Jannar 1961 u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 97561M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-sena 2007 u fix-xhur ta’ wara, gewwa r-Rabat, Malta u fi bnadi ohra f’dawn il-

Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. B’eghmil zieni kkorrompa lil X, minuri ta’ tlettax-il sena;
2. Ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ l-istess minuri X;
3. Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraqm, tipprovdi ghas-sigurta ta’ X, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha huma xierqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza u id-dokumenti kollha esebiti u cioe’ stqarrija li giet mmarkata bhala Dok CSH, fedina penali li giet immarkata bhala Dok CSH1, att minn estratt tat-twelid li gie mmarkata bhala Dok CSH2 u certifikat tat-twelid tal-minuri X li gie mmarkat bhala Dok CSH3.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-tnejn (2) ta’ Novembru 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta’ Novembru 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-tnejn (2) ta’ Novembru 2011 talbet in-nomina ta’ Probation Officer sabiex jaghmel pre-sentencing report u f’dik l-istess seduta nnominat lil Miriam Sevasta.

Illi fid-disa' (9) ta' Novembru 2011 il-probation officer Miriam Sevasta nfurmat lill-Qorti illi hija ma setghatx taqdi dan l-inkarigu u ssuggeriet lil Matthew Fleri Soler ghal dan il-ghan.

Il-Qorti b'digriet taghha tal-istess jum laqghet it-talba u nnominat lill- Probation Officer Matthew Fleri Soler ghal dan il-ghan.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2011 xehed l-imputat fejn ghamel kjarifiki dwar dak li gie rapportat fl-istatement tieghu u spjega li ghalkemm huwa jikkonferma l-kontenut tieghu (Dok CSH), spjega illi kienet X li ttantatu l-ewwel u cioe' li harget minn wara l-purtiera meta huwa kien tiela t-tarag, qabditlu idu u poggietu fuq sidirha.  Qal ukoll illi kienet hi li ppruvat tbaghbas lilu u meta ttentat tbusu, huwa imbuttha l-hemm.  Qal li din l-istorja waqfet hemm. Huwa cahad b'mod kategoriku li f'xi hin immasturba.

F'din l-istess seduta xehdet ukoll omm il-minuri X, certu Joanne Muscat.  Hija spjegat li fil-prezent hija mara separate u ilha f'relazzjoni mal-imputat ghal dawn l-ahhar ghaxar snin.  Ikkonfermat li miz-zwieg ghandha tifla il-vittma X, ghandha wkoll barra miz-zwieg tifel li ghandu hdax-il sena u l-imputat jghinha jrabbihom.  Qalet li fil-fatt, huwa jghinha mill-istess mod li jghinha trabbi t-tifel li ghandha minn tieghu.  Tennet illi kien hemm zmien meta din it-tifla kienet tghix maghhom u kienet taqlalhom hafna problemi u dan minkejja li kienet taf illi dan l-imputat kien ghena tohrog mill-problema serja li kellha ta' abbuz ta' droga.  Spjegat li zewgha wkoll ghandu problemi fosthom dawk ta' abbuz u fil-fatt sahhansitra anke kien ghamel xi overdoses.  Kien meta il-pulizija kienu jaghmlu *searches* ghandu gewwa daru illi l-imputat iddecieda illi t-tifla ma tibqax f'dawk l-ambjenti u tmur tghix maghhom.  Ghall-ewwel kienet tmur tghaddi l-weekends u mbaghad spiccat b'mod permanenti.  Tghid illi t-tifla gelditha m'ommha u sahhansitra gidbet anke fuqha izda dan nonostante, xorta kienu jzommu fil-weekend.  Hija ppruvat tkun ta' dixxiplina maghha, izda t-tifla kienet ribelluza hafna.  Kienet anke thalsilha l-privat izda t-tifla kienet tiskarta u tfalli.

It-tifla spiccat fl-istitut Santa Venera u kienet tmur izzurha hemmhekk. Waqt li kienet hemmhekk fis-sajf kienet bghatet message lill-ommha fejn talbitha tiftah qalbha maghha ghaliex xtaqet tkellimha fuq James. Hija kkonfrontat minnufih lill-imputat u dan qallha illi t-tifla kienet gennitu u qatt ma kellimha dwarha biex ma jhassriliex il-bond li kienet qed tipprova tibni maghha. Hija ddiskriviet lill-imputat bhala bniedem kwiet hafna u misthi u li qatt ma kellha problemi mieghu.

Ikkonfermat li waqt l-investigazzjoni tal-imputat, il-Pulizija baghtu ghaliha u sahansitra anke sar xi konfront u kkonfermat illi missier it-tifla xtaq xi flus minghand l-imputat u kien lest li jwaqqaf dawn il-proceduri. Qalet illi t-tifla kkonfermat maghha anke quddiem is-social worker li kienet hi li kienet qed tigri wara l-imputat.

Illi nhar l-20 ta’ Dicembru 2011 xehed il-probation officer Matthew Fleri Soler u esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala Dok. MFS. Huwa spjega li kellu seba’ (7) laqghat mal-imputat u li l-imputat ikkoopera bi shih mieghu. Spjega li anke intervista lill-ommu u lill-partner tieghu, pero’ ma tkellimx mal-vittma ghaliex beza’ mid-*double victimisation* taghha u ghalhekk tkellem mas-social worker taghha certu Charlene Martin tal-Agenzija Appogg. Irrizultalu illi fil-fatt dan l-agir tal-imputat kellu effett negattiv f’hajjitha u thossha migughha.

Illi minhabba l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi odjerni u minhabba l-impatt negattiv li tali agir halla fuq il-vittma, huwa tal-fehma illi din il-Qorti ghandha taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza flimkien ma’ Ordni ta’ Supervizzjoni.

Il-Qorti, rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda relattivament nadifa salv u b’eccezzjoni ghal zewg kontravvenzjonijiet, wahda li tikkoncerna l-*motorvehicle regulations* li sehhet fis-sena 1980 u gie kkundannat ammenda ta’ tlett liri Maltin (Lm3) u kontravvenzjoni ohra registrata fis-sena 1993 dwar ksur ta’ paci pubblika fejn gie kkundannat canfira.

Rat ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-ko-operazzjoni tieghu kif sahansitra anke kkonferma l-probation officer u ghalhekk fic-cirkostanzi thoss illi l-piena kif suggerita mill-probation officer hija wahda idonea.

**Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 203(1), 204C u 209 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li tiddikjara li ssib lill-imputat JAMES CARABOTT hati tal-akkuzi kollha, tikkundannah prigunerija ta' sentejn sospizi ghal tliet snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan, tordna illi l-imputat ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kap 9, jitpogga taht ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu kollu tas-sentenza sospiza u dan skond id-digriet anness ma' din is-sentenza.**

Il-Qorti tilqa' wkoll it-talba tal-prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 u cioe' tordna minhabba ragunijiet imsemmija aktar 'l fuq u bil-ghan li tipprotegi u tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza, qeghda tipprojbixxi lill-imputat milli jikkomunika mal-vittma taht l-ebda cirkostanza, la personalment u lanqas tramite terzi, u m'ghandux javvicina jew isegwi l-movimenti tal-istess minuri u dan ghal perjodu ta' tliet (3) snin mill-lum. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kull kuntatt li jista' jkun hemm bejn il-minuri u l-partner tal-imputat omm l-istess minuri.

Illi ghalhekk il-Qorti taghmilha cara li tul din l-ordni, l-minuri ma tistax tghix taht l-istess saqaf mal-imputat u dan sakemm tilhaq l-eta' maggorenni. F'liema kaz pero', l-imputat xorta ma jistax jikkomunika maghha.

Il-Qorti tordna illi isem il-vittma m'ghandux jigi registrat fl-ebda mezz tax-xandir kif gie verbalizzat fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Novembru 2011.

Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tliet [3] snin.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex isegwi lill-imputat taht din l-Ordni ta’ Supervizjoni.

Il-Qorti taghti rakkomandazzjoni taghha sabiex possibilment l-ufficjal jibqa’ dak li rrediega l-pre-sentencing report.

Tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali flimkien ma’ l-atti kollha ta’ dan il-process fi zmien tliet ijiem mil-lum ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------